MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' April, 2004

Talba Numru. 1757/2003

**Malta Tourism Authority**

**vs**

**Mario Ellul**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lil-awtorita attrici s-somma ta' sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm688.50) rapprezentanti arretrati ta' licenzji u kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mid-dokumenti mmarkati 'A' u "B'.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-awtorita attrici s-somma ta’ sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm688.50), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------